# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 21 ta’ Ottubru, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors kostituzzjonali numru 583/2021/1 ISB**

**Dr Patrick Spiteri**

***v.***

**L-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija**

1. Il-qorti rat ir-rikors tal-attur tas-17 ta’ April 2024 magħmul taħt l-art. 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex il-qorti tirreferi kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex dik il-qorti tagħti deċiżjoni dwar interpretazzjoni tal-art. 27 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-mandat ta’ arrest Ewropew u l-proċeduri ta’ konsenja bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI).

2. Tqis illi tkun tista’ aħjar tiddeċiedi dwar il-ħtieġa li jsiru l-mistoqsijiet jekk, qabel, tkun semgħet trattazzjoni dwar il-meritu tal-kawża, u mhux biss dwar ir-rikors tas-17 ta’ April 2024.

3. Għalhekk f'dan l-istadju tissospendi l-prolazzjoni tar-rikors u tiddifferixxi l-kawża għas-27 ta' Jannar, 2025 fl-10:00am sabiex dakinhar issir trattazzjoni finali dwar il-meritu tal-kawża, u mbagħad tiddifferixxi l-kawża jew għall-provvediment fuq ir-rikors jew għall-provvediment fuq ir-rikors flimkien mas-sentenza finali skond il-każ, wara li tkun semgħet it-trattazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da